MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1478/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Raymond Aquilina]**

**vs**

**Colin Spiteri**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Colin Spiteri detentur tal-karta tal-identita` numru 577677(M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fl-24 ta’ Frar 2006 jew fil-jiem ta’ qabel-

1. Ikkorrompa lil Francis Catania, ufficjal fid-Direttorat tal-Licenzji, u dan sabiex Francis Catania jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, irrenda ruhhek komplici fl-ghoti ta’ dikjarazzjonijiet jew

certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

3. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi haddiehor;

4. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

5. Kif ukoll talli sar ricediv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Malta) datata 13 ta' Frar 2006 liema sentenza hija wahda definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u rega' ikkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Rat l-addebita tar-recediva, izda nnutat li r-reat l-iehor kien wiehed involontarju u ghalhekk ma tapplikax;

Ghaldaqstant, u wara li rat l-Artikoli 17(h), 52, 115(c), 120(1), 42(d), 185(1), 121A(1) u 188 tal-Kodici Kriminali qed issib lill-imputat Colin Spiteri hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih hlief l-addebitu tar-recediva u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 qed tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------